# Santa Luċija

**Minuti**

**It-Tmien Leġislatura**

**Laqgħa Numru 59/2023**

**27 ta' Lulju 2023**

**Il-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija ltaqa` fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol, Santa Luċija fil-05:30 p.m.**

**Preżenti** :

| | |
|---|---|
| Charmaine St John | Sindku |
| Frederick Cutajar | Viċi Sindku |
| Kylie D'Amato | Kunsilliera |
| Liam Sciberras | Kunsillier |

**Uffiċċjal** :

| | |
|---|---|
| Fabian Mizzi | Segretarju Eżekuttiv |

**Assenti b'Apoloġiji (Skond Ordni Permanenti 14A (3))** :

| | |
|---|---|
| Terrence Ellul | Kunsillier |

Is-Sindku ippresjediet il-laqgħa.

**59.01 Talba**

59.01.01 Il-laqgħa bdiet billi ntqalet it-talba mis-Sindku.

**59.02 Qari ta' ittri ta' apoloġiji**

59.02.01 Is-S.E. informa li l-Kunsillieri Ellul kien informa li ma setax jattendi minħabba li kien indispost. Fiċ-ċirkostanzi l-Kunsill qies il-Kunsillier Ellul bħala skużat.

**59.03 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 57-23 u 58-23**

59.03.01 Il-Minuti tal-Laqgħa 57A-23 kienu ġew iċċirkolati qabel is-seduta u għaldaqstant ġew meqjusa bħala moqrija. Il-Minuti ġew approvati unanimament bil-Viċi Sindku jipproponi u l-Kunsilliera D'Amato tissekonda.

59.03.02 Il-Minuti tal-Laqgħa 57B-23 kienu ġew iċċirkolati qabel is-seduta u għaldaqstant ġew meqjusa bħala moqrija. Il-Minuti ġew approvati unanimament bil-Kunsillier Sciberras jipproponi u s-Sindku tissekonda.

59.03.03 Il-Minuti tal-Laqgħa 58-23 kienu ġew iċċirkolati qabel is-seduta u għaldaqstant ġew meqjusa bħala moqrija. Il-Minuti ġew approvati kif emendati. Il-Kunsillier Sciberras ippropona u s-Sindku issekondat.

**59.04 Komunikazzjoni mis-Sindku**

59.04.01 Is-Sindku nfurmat li kienet talbet l-għajnuna tal-Onor. Ministru S. Zrinzo Azzopardi sabiex jgħin dwar il-*water fountain* fil-*jogging track* li ma kienitx qed taħdem, il-*blockage* tal-pompa fi Pjazza 7 ta' Lulju kif ukoll sabiex jitgħattew il-pajpijiet il-ġodda li hemm ġewwa-Ġnien is-Serenita'.

59.04.02 Is-Sindku nfurmat li kellha laqgħa mas-CEO tal-Awtorità tad-Djar fejn talbet l-għajnuna sabiex isiru d-diversi ranep li hemm bżonn quddiem propjetajiet tal-istess Awtorità. Hija qalet li kienet saret laqgħa preliminarja fuq il-post u fil-futur qarib għandu jkollna r-risposta mingħand l-Awtorità għat-talba tagħna.

59.04.03 Is-Sindku nfurmat li fl-aħħar kwart ta' din is-sena, Infrastructure Malta (IM) kienu ser jagħmlu Triq Ġjaċinti u Triq Stella Maris. Hija qalet ukoll li l-*culvert* fi Triq Bruka għandu jitranġa fil-futur qarib filwaqt li dwar ix-xogħol fi Triq Klematis u r-rampa quddiem Flats Indipendenza, IM aċċettaw li x-xogħol isir mill-kuntrattur tal-Kunsill u IM jirrifondu l-ispejjeż.

59.04.04 Is-Sindku spjegat li uffiċjali mill-*Malta Public Transport* (MPT) kienu ġew fi Triq il-Pepprin sabiex il-*Bus Stop* temporanju li hemm isir wieħed permanenti li jintuża mir-rotot X2, X3, 80, 83 u 226. Sfortunatament, resident waqqaf lill-uffiċċjali milli jkomplu b'dan ix-xogħol u fiċ-ċirkostanzi l-MPT issuġġerew 2 alternattivi kif il-*Bus Stop* jista' jsir fuq il-post mingħajr ma jkun ta' inkonvenjent għal-ħadd. Il-Kunsill ma qabilx ma dawn iż-żewġ proposti u għalhekk ġie deċiż li għalissa jibqa' kollox kif inhu u li nitolbu lil-Perit tal-Kunsill sabiex jagħmel studju dwar kemm huwa possibbli li r-rotta tal-linja tarġa lura għal li kienet.

59.04.05 Is-Sindku infurmat li flimkien ma Sindki oħra mir-Reġjun kellha laqgħa mas-CEO il-ġdid ta' Transport Malta fejn ġew diskussi diversi temi li jolqtu lill-Kunsill Lokali.

59.04.06 Is-Sindku infurmat li l-Van li konna ingħatajna l-fondi għalih mil-LESA kien wasal Malta. Hija qalet li konna ġibna persuna taħt il-*Community Workers Scheme* sabiex ikun ix-xufier uffiċjali ta' dan il-van. Hija qalet li preżentement konna qed nikkonkludu fuq l-*insurance* u r-*wrapping* tal-istess van. Saret diskussjoni dwar ir-rotot li dan il-van għandu jibda jopera però ma ttieħdet l-ebda deċiżjoni finali. Kien hemm qbil li l-van għandu jkun iggaraxxjat.

59.04.07 Dwar il-Hypogeum is-Sindku spjegat li kienet talbet l-għajnuna tal-Onor. Ministru O. Bonnici u l-*Cleansing Dept*. sabiex isir it-tindif meħtieġ u kienet ġiet infurmata li dan ix-xogħol għandu jsir fil-ġimghat li ġejjin.

59.04.08 Is-Sindku nfurmat li l-ħsara li kienet saret ġewwa d-*Dogpark* kienet issewwiet.

59.04.09 Is-Sindku nfurmat li kienet ġiet infurmata li l-Perit il-ġdid tal-Kunsill kien talab laqgħa magħha peress li ried jintroduċi lill-Perit li kien ser jaħdem fuq il-proġetti tagħna, Hija qalet li din il-laqgħa kellha ssir fil-ġranet li ġejjin u li wara kienet ser tinforma lill-Kunsillieri dwar dak li jkun ħareġ minn din il-laqgħa.

59.04.10 Is-Sindku nfurmat li skont il-liġi l-Kunsill għandu jkollu Deputat S.E. u li preżentement ma kellna lil ħadd f'din il-pożizzjoni. Kien hemm qbil li għanda tintbagħat *email* lill-Kunsilli kollha sabiex naraw min huwa nteressat li jokkupa din il-kariga.

59.04.11 Is-Sindku nfurmat li kienet attendiet għal *seminar* dwar *Environmental Health & Safety* u matula kienet saret referenza għall-fatt li jeżistu kumpaniji privati li kellhom l-apparat biex ikejlu l-qawwa tal-bombi tal-murtali tal-festi. Ġie deċiż li fil-bidu tas-sena d-dieħla l-Kunsill għandu javviċina lil dawn il-kumpaniji sabiex fis-Sajf jintgħażlu numru ta' festi tal-viċin sabiex jiġi stabbilita l-qawwa tal-murtali.

59.04.12 Is-Sindku nfurmat li konna ġejna nfurmati mill-Awtorità tal-Ippjanar li kienu ġew ippreżentati pjanti ġodda taħt l-applikazzjoni PA/0650/22. Ġie deċiż li nitolbu lil Perit tal-Kunsill sabiex jagħtina l-veduti tiegħu dwar dawn il-pjanti ġodda kif ukoll x'jista' jsir fil-futur fuq is-sit jekk tali applikazzjoni tiġi approvata.

59.04.13 Is-Sindku qrat u wieġbet għal diversi mistoqsijiet li resident kien bagħat permezz ta' *email*. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jitlob li l-allokazzjoni finanzjarja annwali tinkludi l-ispejjeż involuti mas-*soft areas* li żdiedu bħala responsabbiltà tal-Kunsill dan l-aħħar.

59.04.14 Is-Sindku nfurmat li kienet qed taħdem fuq żjara ta' ġurnata ġewwa Sqallija, Tberik tal-Annimali (f'Settembru) kif ukoll il-qtugħ taż-żebbuġ (f'Ottubru) flimkien mal-iskola Sekondarja bħal ma sar is-sena l-oħra. Dwar dan kien hemm qbil.

**59.05 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

59.05.01 Is-S.E. informa li ħadd mill-Kunsillieri ma kien informah li kellu xi mistoqsijiet għal waqt il-laqgħa.

**59.06 Korrispondenza, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet**

59.06.01 Korrispondenza mingħand id-DLG dwar Regolamenti tal-2023 dwar Tqegħid Temporanju ta' *Caravans* f'Lokalitajiet. Ġie deċiż li deċiżjonijiet dwar din il-materja jiddieħdu skont kull każ speċifiku.

59.06.02 Korrispondenza mingħand ir-Reġjun Nofsinhar dwar Servizz ta' *Risk Assessment* mogħti mir-Reġjun Nofsinhar -Ref. Direttiva 7 u 7A/2019 *Risk Assessment* tal-*Playing Fields*. Il-Kunsill approva li jsir dan ir-*Risk Assessment*.

59.06.03 Korrispondenza mingħand persuna li xtaqet tagħmel attività b'risq Puttinu Cares u li bħala riżultat ta' din l-attività kienet ser tingħalaq Triq Begonja. L-Kunsill approva li jekk il-Pulizija u Transport Malta ma jsibux oġġezzjoni, din l-attività tkun tista' ssir.

59.06.04 Korrispondenza mingħand Greenpak fejn qed jissuġġerixxu li jagħmlu CCTV fuq arblu fi Triq il-Ġibjun fuq il-*Bring-in Site*. Il-Kunsill ma approvax din it-talba peress li f'dan is-sit qatt ma kellna problema u li għalhekk il-ħlas ta' kull xahar sabiex ikun hemm is-servizz tal-*internet* minħabba s-CCTV mhux wieħed ġustifikat.

59.06.05 Ċirkulari Cir AKL 2023/070 dwar *European Mobility Week 2023*. Kien hemm qbil li din il-korrispondenza għandha tintbagħat lill-Kunsillieri għall-*feedback* u idejat tagħhom.

59.06.06 Korrispondenza mingħand uffiċjal tal-*Malta Public Transport* dwar periklu minn arblu tad-dawl li hemm f'Dawret it-Torri liema arblu jista' jintlaqat faċilment mill-karozzi tal-Linja. Ġie deċiż li din il-korrispondenza għandha tintbagħat lill-*Transport Malta* u *Infrastructure Malta*.

59.06.07 Korrispondenza mingħand Noel Castillo dwar Attivitajiet Milied 2023. Ġie deċiż li l-Kunsill għandu jiddeċiedi aktar il-quddiem dwar l-attivitajiet marbuta mal-Milied.

59.06.08 Korrispondenza mingħand SEM dwar laqagħha *online* dwar Opportunitajiet għal ġemellaġġi. Is-Sindku u l-Kunsilliera D'Amato urew interess li jipparteċipaw f'din il-laqgħa.

59.06.09 Korrispondenza mingħand l-organizzazzjoni UNICI dwar il-possibilità li Ġnien is-Serenita' jintuża għal attività fil-11 ta' Novembru. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni għal din it-talba.

59.06.10 Korrispondenza minn grupp li jorganizza attivitajiet għat-tfal darba fil-ġimgħa u saret talba biex jibda jintuża Ġnien is-Serenita' għal dan il-għan. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni ghal din it-talba.

59.06.11 Korrispondenza mingħand is-SOAR sabiex għal darba il-ġimgħa minn Jannar, jibdew isiru sessjonijiet ġewwa t-*Tea Room* fi Ġnien is-Serenita'. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni għal din it-talba.

**59.07 *Tenders***

59.07.01 Is-S.E. ippreżenta l-*Evaluation Reports* dwar it-*tenders* tal-latrina Pubblika kif ukoll tal-*Gazebo*. Rigward il-Latrina Pubblika, l-Kunsill approva li tingħażel l-orħos offerta. Fir-rigward tal-*gazebo*,

miż-żewġ offerti li konna rċivejna, offerta minnhom ma kellhiex l-informazzjoni kollha mitluba u tali nformazzjoni baqgħet ma waslitx anke wara li l-Kunsill għamel talba speċifika għal dan. Fiċ-ċirkostanzi l-Kunsill qabel li jaċċetta t-tieni l-orħos offerta kif ukoll li l-Kunsill jassorbi d-differenza fil-prezz bejn dak li ser ningħataw taħt l-iskema tad-DLG u l-ispiża finali. Is-S.E. ikkonferma li l-Kunsill kien f'pożizzjoni finanzjarja tajba li jagħmel dan.

**59.08 Mozzjoni dwar Ħruġ Addizzjonali minn Santa Luċija**

59.08.01 Il-Kunsillier Sciberras li kien qed iressaq il-mozzjoni qara l-mozzjoni kif proposta minnu li bażikament kienet sabiex issir talba lill-awtoritajiet sabiex jiżdied ħruġ ieħor minn Santa Luċija lejn Raħal Ġdid minn Dawret it-Torri għal Triq Ħal Luqa. Il-Viċi Sindku semma kif fil-Laqgħa 06/19 kienet tressqet talba simili liema talba dak iż-żmien ma kienitx ġiet aċċettata. Fid-dawl ta' dan, il-Viċi Sindku iddikjara li kien qed jissekonda l-mozzjoni tal-Kunsillier Sciberras u peress li minn dak iż-żmien kien hemm bidla fis-CEOs ta' Transport Malta u Infrastructure Malta, huwa awgura li din id-darba t-talba tagħna tiġi aċċettata. Il-mozzjoni ġiet approvata unanimament.

**59.09 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti 59/23**

59.09.01 L-iskeda ta' Pagamenti 59/23 ġiet approvata unanimament.

**59.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

59.10.01 Il-laqgħa ntemmet fis-7:56 p.m. u ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir l-Erbgħa 30 ta' Awwissu 2023 fil-5:30 p.m.

**Konfermati illum it-Tlieta 3 ta' Ottubru 2023.**

| | |
|---|---|
| **Charmaine St John**<br>**Sindku** | **Fabian Mizzi**<br>**Segretarju Eżekuttiv** |